MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 105/2006

**L-Avukat Dottor Alfred Grech bhala mandatarju tal-assenti Ray Ellis u b'nota tas-26 ta' Novembru 2010 Ray Ellis assuma l-atti tal-kawza minflok l-AvukatDr Alfred Grech stante li jinsab preenti f'dawn il-Gzejjer, Pamela Potter Ellis, Dottor Anthony Field, Edwin Algar, Dennis Roberts, Doris Wybrow, Barry u Cordelia McGrath, Gordon Lee, John the Earl of Belmore, Mary Countess of Belmore, Lady Anthea Forde u Patrick Forde u ta' Lady Sarah McNully u Charles u Mariella Bonnici; Mark u Miriam Camilleri; Anthony u Yvonne Restall; Louis u Victoria Borg Manche'; il-perit Chris u Louise Falzon; George u Emy Callus; Joseph u Victoria Bonello; it-Tabib Dottor Josie u Franka Muscat; Ronald u Rita Saliba; L-Imhallef Dottor Joseph Galea Debono u l-Prokuratur Legali Mary Galea Debono; Helen Ciantar; James u Barbara Dunbar Cousin; It-Tabib Dottor John u Simone Vella; Cristina Vella; Alfred u Carmen Borg, Simon u Jolyn Pace, Alfred u Joan Muscat; Michelangelo u Patricia Cini; Michael u Grace**

**Demarco; Henry Rota; Daiva Griguoliene; Johan u Joanne Cuschieri; Edward u Anna Baker; Frank u Miriam Saliba; Robert u Romina Hewitt; Charles u Miriam Fenech; u Maximillian u Doris Micallef**

**Vs**

**Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u Ippjanar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li fih gie premess:

L-atturi ppremettew li huma residenti u jew proprjetarji ta' blokk ta' bini fi Diego Court, kif ukoll proprjetajiet vicini fi Triq is-Sellum, Triq Dun Karm Cachia, Triq Lampuka u Triq Monsinjur G. De Piro, fiz-Zebbug, Ghawdex. U peress illi huma saru jafu bl-applikazzjoni ghall-izvilupp numru 06912/04 intavolata minn certu Alex Cassar tramite l-Arkitett u Inginier Civili Joseph Bondin, fuq ghalqa li tinsab taht is-sies fl-estremita' ta' nofsinhar tal-gholja u r-rahal taz-Zebbug, li tinsab *"outside development zone"* u li fiha suppost skond ir-Revised Local Plan for Gozo and Comino trid ssir belveder.

Il-process li sar u qed isir mill-Awtorita' konvenuta biex tigi processata w approvata din l-applikazzjoni kien wiehed mimli rregolaritajiet u ntiz sabiex l-istess applikazzjoni tigi processata minghajr hafna ostakli kemm ta' natura teknika kif ukoll dawk naxxenti mill-oggezzjonijiet genwini tal-atturi kif ukoll ta' dawk li ghandhom jew seta' kellhom interess li jigi prezervat l-ambjent tan-naha ta' nofsinhar tal-gholja taz-Zebbug. Dawn l-irregolaritajiet kienu jikkonsistu fil-fatt li l-applikazzjoni kienet avzata b'dettalji hziena jew zvijanti sabiex il-pubbliku ma jkunx jista' jirrkonoxxi ghal-liema sit tirreferi l-imsemmija applikazzjoni u b'hekk wiehed ma jkunx f'pozizzjoni li joggezzjona ghaliha, kif ser jigi elaborat fid-dettal f'dan ir-rikors u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Hekk pèr ezempju, minkejja l-fatt li din l-applikazzjoni tidher li giet ipprezentata fit-30 ta' Novembru, 2004, u sal-

14 ta’ Settembru, 2005, il-PACD tal-Awtorita’ konvenuta dejjem wera li *"this application has been found to be invalid or application fees have not been paid"*, meta l-perit Guido Vella staqsa dwarha fl-ufficcju tal-Awtorita’ konventa f’Ghawdex f’Settembru, 2005, sab li din l-applikazzjoni kienet giet "validated" u kienet qed tigi processata xorta wahda. Kien imbaghad biss fl-10 ta’ Ottubru, 2005, li PACD gie korreggut, b’mod li juri li l-applikazzjoni kienet giet "validated" fil-11 ta’ Jannar, 2005, u dan biss wara li l-Perit Guido Vella kien baghat ittra ta’ protesta li ggib id-data tal-14 ta’ Settembru, 2005.

Peress illi biex tkompli tqarraq b’min kellu w ghandu interess li jopponi din l-applikazzjoni, ir-reklam jew avviz ufficjali li gie ppubblikat fil-gurnal The Malta Independent tat-22 ta’ Jannar , 2005, indika li s-sit li fuqu kellu jsir l-izvilupp propost kien jinsab f’ "Zebbug, Malta" minflok Zebbug, Ghawdex.

Peress illi s-‘*site notice*’ originali li suppost twahhal f’Jannar, 2005, fuq il-plot in kwistjoni, qatt ma deher fuq il-post u, jekk twahhal, tnehha minnufih minn min kellu interess li jostor il-fatt li kien hemm applikazzjoni pendenti fuq is-sit in kwistjoni.

Peress imbaghad minkejja li l-applikazzjoni saret mill-Arkitett u Ingineer Civili Joseph Bondin li fi zminijiet differenti kien u ghadu jokkupa karigi aggudikattivi u konsultattivi f’diversi organi tal-Awtorita’ konvenuta’, u allura suppost li jaf ahjar, u kellu d-dover li jara li l-ligi u l-policies u regolamenti tal-MEPA jigu osservati skrupolozament, din kienet mimlija rregolaritajiet u nieqsa minn informazzjoni utili li suppost tkun inkluza f’dawn l-applikazzjonijiet. Hekk :-

1. ma nghatax in-numru tal-karta tal-identita’ tal-applikant.
2. ma giex indikat li s-sit li fuqha saret l-applikazzjoni kien skedat ;
3. ma gietx sottomessa pjanta tas-sular tal-bejt ;
4. ma gewx murija l-erba’ elevations kif suppost ;
5. ma jidhirx li giet verifikata c-checklist.

6. minkejja li l-applikazzjoni saret f'isem certu Alex Cassar minn Kercem, Ghawdex, l-applikant qatt ma ntalab jissottometti prova tat-titolu kif solitu jsir meta jkun hemm dubju dwar it-titolu tal-applikant.

Minkejja li meta l-atturi ndunaw b'dan kollu, huma kitbu lill-Awtorita' konvenuta fejn talbu li ssir investigazzjoni minnha sabiex tara min kien responsabbli ghal dawn l-abbuzi ta' poter u irregolaritajiet, b'kopji lill-Prim Ministru, lill-Ministru George Pullicino responsabbli mill-Izvilupp u l-Ambjent u lill-awtoritajiet ohra tal-pajjiz, l-Awtorita' konvenuta ma ghamlet xejn minn dan izda illimitat ruhha biex terga' tohrog l-avviz mill-gdid fil-gazzetta The Malta Independent fil-5 ta' Novembru, 2005 b'data u terminu ghal rapprezentazzjonijiet godda w dan biex tipprova tghatti w timmaskra l-irregolaritajiet li kienu nkixfu mill-atturi u komunikati lilha.

Peress li fil-mertu ukoll l-atturi kienu gibdu l-attenzjoni tal-Awtorita' konvenuta bil-miktub li l-izvillup propost :-

1. huwa barra miz-zona tal-izvilupp ghall-Ghawdex u Kemmuna skont il-Gozo and Comino Plan (GLCP) billi l-linja li kienet tindika z-zona tal-izvilupp taz-Zebbug, Ghawdex kienet taqsam is-sit traversalment u djagonalment u thalli biss bicca zghira 'l gewwa mil-linja li fuqha f'kull kaz ma setax isir l-izvilupp propost;
2. minhabba f'hekk il-Perit Joseph Bondin kien qed jipproponi li l-bini li johrog 'il barra mil-linja tal-bini adjacenti fuq in-naha tal-Lvant ;
3. li dan l-izvilupp ma ghandu ebda access minn triq pubblika u jiffronteggja biss fuq moghdija bir-rigel, dejqa w antika u pavimentata bic-cangaturi, li hi propjeta' tal-Gvern ta' Malta;
4. li skont il-Pjan tal-Izvilupp ghal Ghawdex u Kemmuna s-sit kollu in kwistjoni kien destinat ghall-belvedere pubbliku (GZ-RECR-4, fuq il-Mappa 14-14D);
5. kif ukoll ghal numru ta' irregolaritajiet ohra li jinsabu elenkati fl-ittra li l-esponenti kienu baghtu lill-Awtorita' konvenuta fit-8 ta' Novembru, 2005.

Peress li minkejja li l-'case officer' tal-MEPA, Frankie Farrugia, kien irrakomanda li din l-applikazzjoni ma tigix approvata ("refuse permission"), fit-8 ta' Marzu, 2006, l-appikant Cassar tramite l-Perit Bondin xorta wahda baqa' jinsisti li tigi approvata w l-applikant ftahar man-nies li l-applikazzjoni tieghu kienet sejra tigi approvata xorta wahda mill-Awtorita konvenuta minhabba l-influwenza li ghandu l-perit tieghu fil-MEPA. Tant hu hekk li sahansitra fil-bidu ta' Mejju, 2006, kien gie fuq il-post ma' kuntrattur biex jappaltalu x-xoghol tal-bini ghax kien qed janticipa li d-DCC tal-MEPA kienet xorta wahda ser tohroglu l-permess biex jibni, fi ftit granet. Di fatti, proprju fl-istess zmien l-esponenti ndunaw b'kumbinazzjoni li kienet issejhet laqgha tad-DCC ghand-9 ta' Mejju, 2006, biex proprju tipprocessa ulterjorment din l-applikazzjoni w fil-fatt l-Avukat Grech fil-5 ta' Mejju, 2006 ircieva ittra li kienet iggib id-data tat-3 ta' Mejju, 2006, fejn gie nfurmat bil-laqgha tad-DCC li kellha ssir fid-9 ta' Mejju, 2006.

Peress illi f'din l-ittra ta' avviz l-esponenti noe, gie nfurmat illi: "*<u>'you may wish to follow proceedings but this notification does not entitle you to participate or make verbal representations during the sitting'</u>, procedura din li tivvjola manifestament il-principju sagrosant tal-gustizzja naturali tal-"audi alteram partem"*.

Rinfaccati b'din is-sitwazzjoni fejn kien jidher car li huma ma kienux ser jinstemghu fis-seduta tad-DDC bi ksur tad-dritt taghhom ta' *audi alteram partem* u fejn minhabba l-"bias" kemm soggettiv kif ukoll oggettiv li seta' jkun hemm fost il-membri tad-DCC li kienu qed jipprocessaw applikazzjoni ta' perit privat li bhalhom serva u kien ghadu jservi fuq organi tal-MEPA, fosthom l-istess DCC u l-Heritage Board, l-atturi rrikorrew quddiem din l-Onorabbli Qorti, biex jitolbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 25/2006 sabiex l-Awtorita' konvenuta ma tkomplix tipprocessa l-istess applikazzjoni, liema mandat intlaqa' provizorjament u issa fit-12 ta' Settembru, 2006, gie milqugh definittvament.

Jekk tigi approvata l-imsemmija applikazzjoni l-atturi ser isofru pregudizzju rreparabbli ghaliex il-valur tal-proprjeta'

taghhom ser jaqa' konsiderevolment per konsegwenza tal-fatt li dan l-izvilupp huwa ghal kollox illegali u jmur kontra r-regoli u l-policies tal-Awtorita' konvenuta u anki jekk stess huma jkollhom xi dritt ta' appell, dan ma jzommx il-bini milli jilhaq jitla' pendenti l-appell u dana kollu ikun sar bl-ghajnuna jekk mhux addirittura bl-inkorragiment tal-Awtorita' konvenuta li ghandha wiehed mill-membri tal-organi taghha jiffirma applikazzjoni ghall-zvilupp illegali fil-vesti tieghu ta' perit privat, kaz manifest ta' konflitt ta' interess u ta' pregudizzju u "bias" fl-operat tas-sistema addottata mill-Awtorita' konvenuta fl-ipprocessar tal-applikazzjonijiet, fejn periti li ghandhom interess tal-prattika privat jigu msejha biex japprovaw applikazzjonijiet ta' periti ohra privati li pero' bhalhom ikollhom nomina u funzjonijiet aggudikattivi fuq bordijiet u organi ohra tal-istess Awtorita' konvenuta, u fejn allura jkun hemm tentazzjoni manifesta li xi hadd jissokkombi ghall-prassi ta' "scratch my back and I scratch yours".

Peress ukoll li issa fil-mori tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni sehhew zviluppi godda ulterjuri li jkomplu jimmilitaw kontra l-approvazzjoni ta' tali applikazzjoni w cioe': 1. li meta fl-ezercizzju recenti tar-Rationalisation of Development Boundaries – Local Plans, gew pubblikati mill-Awtorita' konvenuta l-pjanti li juru l-estensjonijiet taz-zoni tal-izvilupp li gew approvati mill-Kabinett tal-Gvern u mill-MEPA, deher car li **l-art kollha** li fuqha qed jintalab il-permess ghall-bini giet indikata bhala "outside development zone", bil-kulur isfar minnkejja li kien hemm rikjesta biex tigi nkluza fiz-zona tal-izvilupp. U 2. Inoltre, meta ftit tal-gimghat ilu gie pubblikat ir-Revised Gozo and Comino Local Plan definittiv, rega' gie konfermat illi **s-sit kollu de quo** kien u ghadu destinat biex fuqu issir **belvedere** u mhux zvilupp edilizju.

Huwa car li bl-irregolaritajiet kollha li gja saru fuq imsemmi pproccessar ta' din l-applikazzjoni, kien hemm kaz ta' abbuz ta' poter kif ukoll zvijament ta' poter da parti tal-Awtorita' konvenuta fid-decizjoni taghha li tipprocessa u tkompli tipprocessa din l-applikazzjoni, u dan a tenur tal-artikolu 469A (1) (b) (iii) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u cioe' li fil-konsiderazzjoni tal-imsemmija

applikazzjoni, l-Awtorita’ konvenuta qed tabbuza mis-setgha ta’ l-awtorita’ pubblika billi l-ghemil amministrattiv in kwistjoni sar ghall-ghanijiet mhux xierqa jew kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

In oltre dan kien hemm ksur tal-artikolu 469A (b) (1) (a) (ii) u dan meta l-awtorita’ pubblika tkun naqset li tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-ghemil amminstrattiv jew fid-deliberazzjoni ta’ qabel dwar dak l-ghemil, u peress li wiehed mill-elementi jew pilastri tal-gustizzja naturali huwa dak inkorporat fil-massima legali *‘nemo judex in causa propio’* jew dak li jissejjah nuqqas ta’ "bias" bl-Ingliz, u f’dan il-kaz hemm element ta’ pregudizzju qawwi fil-konsiderazzjoni ta’ dan il-kaz meta l-perit li ffirma l-applikazzjoni u qed jinsisti li tigi approvata u cioe’ l-AIC Joseph Bondin, kien u ghadu ukoll membru ta’ wiehed jew aktar mill-organi li jaggudikaw jew jaghtu pariri lill-Awtorita’ konvenuta ; u peress ukoll li jekk stess il-kaz jigi diskuss mid-DCC huma gja gew infurmati li mhux ser jithallew jitkellmu biex isostnu l-oggezzjonijiet taghhom, bi ksur tal-principju tal-***audi alteram partem*****.**

Peress ukoll li din l-ahhar konsiderazzjoni tinkwadra ruhha f’nullita’, l-eghmil amminstrattiv imur b’mod iehor kontra l-ligi a tenur tal-artikolu 469A (1) (iv) billi jikkonsisti ukoll fi vjolenza tad-dritt fundamentali tal-bniedem u cioe’ d-dritt ghal smiegh xieraq w imparzjali meta si tratta minn konsiderazzjonijiet ta’ drittijiet li jirrigwardaw il-propjeta’ u l-possediment hieles ta’ dak li wiehed ghandu kif sancit fl-Artikolu 6 abbinat mill-artikolu wiehed (1) ta’ l-Ewwel (1) Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali, li hija ukoll parti mil-ligi ordinarja tal-pajjiz.

Peress li kif intqal din il-Qorti b’Digriet Taghha tal-12 ta’ Settembru, 2006, laqghet it-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 25/2006 sabiex l-Awtorita’ konvenuta tigi inbita milli tipprocessa l-applikazzjoni numru PA06912/04 fuq imsemmija, stante li tali applikazzjoni u l-process kollu huwa ta’ pregudizzju rrimedjabbli ghall-esponenti.

Ghalhekk l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-qorti sabiex :-`

1. Tiddikjara li l-atti amminstrattivi li jolqtu l-iter tal-ipprocessar tal-applikazzjoni numru PA06912/04 huma nulli u bla effett fil-ligi minhabba :

a) l-irregolaritajiet insiti fl-istess process kif fuq spjegat ; u

*b)* ghaliex jilledu l-principji tal-gustizzja naturali u cioe' u senjatament id-dritt ghal smiegh xieraq skond il-principju tal-'audi alteram partem' u li ma jkun hemm ebda pregudizzju jew 'bias' soggettiv u oggettiv f'min ser jaggudika l-applikazzjoni, bias li qed jigi manifestat fil-fatt li perit privat li qed jimbotta l-applikazzjoni kien u ghadu jiggudika u jikkonsulta fuq organi tal-istess Awtorita' konvenuta, bi ksur tal-principju ta' *nemo judex in causa propria.*

2. subordinatmanet u bla pregudizzju ghall-ewwel talba, tiddikjara li l-istess agir tal-Awtorita' konvenuta null u bla effett a tenur tal-artikolu 469A (1) (iv), tal-Kap 12, ghax hu bi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-atturi kif tutelat fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoli tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali li hi ukoll parti mill-ligi ordinarja tal-pajjiz.

3. tinibixxi definittvament lill-Awtorita' konvenuta milli tkompli tipprocessa f'kull stadju li jmiss u ulterjuri l-imsemmija applikazzjoni ghall-izvilupp numru 06912/04

Rat ir-risposta guramentata (fol. 39) prezentata fis-26 ta' Ottubru 2006 fejn jinghad:-

1. Preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni fil-konfront ta' l-Awtorita' peress li l-atturi ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli lilhom, u dan a tenur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 469A tal-Kap. 12 u ghaldaqstant dawn il-proceduri huma nulli *ab initio*.

2. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tal-atturi hi nsostenibbli u prematura ghaliex l-applikazzjoni numru 6912/04 ghadha fil-process taghha u m'hemmx decizjoni finali. Ghaldaqstant l-atturi ma jistghux

jilmentaw fuq xejn f'dan l-istadju, u dan izjed u izjed peress illi l-ilmenti huma fuq materji li huma ntrinsici ghall-applikazzjoni u li certament jistghu jigu evalwati fil-mument tad-decizjoni.

3. Oltre dan, il-proceduri odjerni huma identici ghal dawk fil-proceduri pendenti quddiema dina l-Onorabbli Qorti fir-rikors numru 105/06AMT (sic rikors numru 54/2006).

4. Di piu, l-atturi kellhom u ghandhom kull okkazzjoni li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom f'din l-applikazzjoni quddiem il-MEPA (kif diga' ghamlu) stante li huma meqjusa bhala *"registered objectors"* u ghalhekk jekk din l-applikazzjoni ser tigi akkolta, dawn ikollhom il-possibilita' li jappellaw quddiem il-Bord tal-Appelli u wkoll quddiem il-Qorti tal-Appell.

5. Inoltre, l-allegazzjonijiet tal-atturi fejn qalu li l-procedura quddiem il-MEPA hija skorretta u tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hija ghal kollox inveritjiera u ghaldaqstant ghandhom jigu ppruvati mill-istess atturi.

6. Wara kollox, ir-rakkomandazzjoni mill-MEPA fuq l-applikazzjoni numru 6912/04, hi li tirrifjuta tali applikazzjoni li hi xi haga ghalhekk favur l-atturi.

7. Finalment, talbiet ta' natura kostituzzjonali qatt ma jistghu jigu akkolti minn din l-Onorabbli Qorti u semmai ghandhom jitressqu quddiem il-qrati kompetenti.

8. Ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi.

Illi fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2010 gie verbalizzat: *"Dr Richard Galea Debono ghall-atturi ddikjara li qeghdin jirrinunzjaw ghall-meritu u jzommu ferm il-kap ta' l-ispejjez, dan in vista tal-fatt li fil-mori tal-proceduri l-applikazzjoni oggett tal-kawza giet irtirata."* (fol. 1020).

Tant hu hekk li dakinhar il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez ghat-30 ta’ Marzu, 2011.

Peress li l-qorti kien jehtiegilha aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza l-kawza giet differita ghad-29 ta’ April, 2011.

Billi nbidel il-Magistrat sedenti l-partijiet inghataw l-opportunita’ li jekk xtaqu setghu jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom orali mill-gdid. Fil-fatt fit-30 ta’ Settembru 2011 inzammet seduta ghal dan l-iskop u l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett t’ostaklu ghall-25 ta’ Novembru, 2011.

Billi l-qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:-

Permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jikkontestaw l-ipprocessar tal-applikazzjoni numru PA06912/04[1] li pprezenta Alexander Cassar ghall-bini ta’ dar bil-pool f’sit fi Triq is-Sellum, Zebbug, Ghawdex u jitolbu dikjarazzjoni ta’ nullita minhabba:-

1. L-irregolaritajiet insiti fl-istess process;
2. Lezjoni tal-principji ta’ gustizzja naturali u cioe l-principju ta’ *audi alteram partem* u li ma jkunx hemm *“bias”* soggettiv u oggettiv f’min ser jiggudika, *bias* li qieghed jigi manifestat li l-perit privat involut fl-applikazzjoni kien u ghadu jiggudika u jikkonsulta fuq organi tal-istess Awtorita’ konvenuta, bi ksur tal-principju *nemo iudex in causa propria*.

Ghal dak li jirrigwarda stharrig ta’ eghmil amministrattiv, dan jinvolvi l-kontestazzjoni dwar il-validita legali ta’ decizjoni; *“It does not allow the court to review to examine*

[1] L-applikazzjoni kienet prezentata fit-30 ta’ Novembru 2004.

*the evidence with a view to forming its own view about the substantial merits of the case. It may be that the tribunal whose decision is being challenged has done something which it had no lawful authority to do. It may have abused or misused the authority which it had. It may have departed from the procedures which either by stature or at common law as matter of fairness it ought to have observed. As regards the decision itself it may be found to be perverse or irrational, or grossly disproportionate to what was required. Or the decision may be found to be erroneous in respect of a legal deficieny, as for example, through the absence of evidence, or of sufficient evidence to support it, or through account being taken of irrelevant matter, or through a failure for any reason to take account of a relevant matter, or through some misconstruction of the terms of the statutory provision which the decision maker is required to apply.* ***But while the evidence may have to be explored in order to see if the decision is vitiated by such legal deficiencies it is perfectly clear that in a case of review, as distinct from ordinary appeal, the court may not set about forming its own preferred view of the evidence.***” (*Reid v Secretary of State for Scotland* 1999 per Lord Clyde fil-House of Lords).

L-atturi qeghdin jitolbu wkoll dikjarazzjoni li l-agir tal-Awtorita’ hu minghajr effett ghaliex jikser id-dritt fundamentali tal-atturi kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali, u sabiex il-qorti tinibixxi milli tkompli tipprocessa l-imsemmija applikazzjoni.

Illum il-kwistjoni hi limitata ghall-kap tal-ispejjez.

Jirrizulta li d-Development Permit Application (DPA) Report datat 7 ta’ Marzu 2006 kien jirrakomanda li l-applikazzjoni tigi rifjutata. Wara l-kummenti li nghataw mill-perit Joseph Bondin, fis-7 ta’ April 2006 hareg rapport iehor li rega’ kkonferma li l-applikazzjoni ghandha tigi rifjutata ghall-istess ragunijiet li jissemmew fl-ewwel rapport. Sussegwentement, permezz ta’ avviz datat 3 ta’ Mejju 2006 il-perit Guido Vella gie nfurmat li kienet ser

issir seduta quddiem id-Development Control Commission fid-9 ta' Mejju 2006 fl-4.10 p.m. u li *"You may wish to follow proceedings but this notification does not entitle you to participate or make verbal representations during the sitting."*. Fil-5 ta' Mejju 2006 l-aturi pprezentaw rikors (numru 25/2006) u talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex l-Awtorita' tigi nibita milli tipprocessa l-applikazzjoni numru 6912/04. B'digriet li nghata dakinhar stess it-talba giet milqugha provizorjament u wara smiegh li sar fit-8 ta' Mejju 2006 il-qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtorita' li wassal sabiex il-laqgha tad-9 ta' Mejju 2006 ma setatx issir. Fil-mori ta' din il-kawza, permezz ta' ittra datata 1 ta' Ottubru 2007 mibghuta mill-perit Joseph Bondin, li l-applikant gharraf lill-Awtorita' li kien qieghed jirtira l-applikazzjoni oggett ta' din il-kawza[2].

Il-qorti tirrileva li:-

i. Jibda biex jinghad li l-qorti ma taqbilx mal-Awtorita' konvenuta li mill-bidunett tal-proceduri l-atturi ma kellhomx interess guridiku li jipproponu din il-kawza. L-atturi huma sidien ta' appartamenti fil-bini bl-isem Diego Court. Dan il-bini jgawdi veduta mprezzabbli tal-wied, u jekk kellu jsir l-izvilupp li ried jaghmel Alexander Cassar tista' tghid li din il-veduta kienet ser tigi eliminata. Mill-provi ma rrizultax li l-atturi, jew uhud minnhom, igawdu xi dritt reali fuq is-sit in kwistjoni. Madankollu l-atturi kellhom kull jedd li joggezzjonaw ghall-izvilupp propost minhabba ragunijiet ta' ippjanar[3] sabiex jizguraw li ma jsirx zvilupp li kien iwassal biex tintilef il-veduta u li bla dubju kien ikollu wkoll effett negattiv fuq il-valur tal-proprjeta' taghhom. Dritt li wara kollox hu moghti mil-ligi stess. Sabiex ikunu jistghu jezercitaw tali dritt bl-ahjar mod, l-atturi kellhom jedd ukoll

---

[2] Ara kopja tal-ittra a fol. 89 tal-atti tal-kawza **Dr Alfred Grech nomine vs Alex Cassar et** (Rikors numru: 54/2006) prezentata fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2007. Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2008 id-difensur tal-konvenuta ddikjara li l-applikant kien irtira l-applikazzjoni u l-Awtorita' kienet irrifondiet parti mill-hlas li kien sar (fol. 510). Sahansitra fil-11 ta' Ottubru 2007 l-Awtorita pprezentat rikors (fol. 225) fejn talbet direzzjoni mill-qorti in vista tad-digriet li nghata fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 25/2006 u 26/2006. Mar-rikors giet annessa kopja tal-ittra mibghuta mill-perit Bondin. Rikors li l-atturi taw ruhhom notifikati bih fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2007 (fol. 230).

[3] Ara Artikolu 32(5) tal-Kap. 356.

li jizguraw li l-process quddiem l-Awtorita' isir skond il-parametri legali.

ii. Meta fil-kors tas-smiegh tal-kawza rrizulta li l-applikazzjoni ghall-hrug ta' permess ta' zvilupp giet irtirata, f'dak l-istadju l-atturi ma kienx ghad fadlilhom interess guridiku li jibqghu jinsistu dwar it-talbiet fil-meritu. L-ghan wara din il-kawza kien sabiex l-atturi jzommu lill-Awtorita konvenuta milli tkompli tipprocessa l-applikazzjoni numru 6912/2004, u mhux sempliciment biex jottjenu dikjarazzjoni. Tant hu hekk li permezz tat-tielet talba, li kienet l-ahhar talba tar-rikors guramentat, l-atturi talbu lill-qorti sabiex *"Tinibixxi definittivament lill-Awtorita' konvenuta milli tkompli tipprocessa f'kull stadju li jmiss u ulterjuri l-imsemmija applikazzjoni ghall-izvilupp numru PA06912/04."*. Hu maghruf li l-interess guridiku jrid jibqa' jezisti tul il-kors kollu tal-kawza. L-argument tal-atturi li l-ligi tipprovdi ghall-stharrig ta' eghmil amministrattiv dwar il-validita' tieghu "**jew"** sabiex jigi dikjarat *"null, invalidu jew minghajr effett"*, hu interessanti. Madankollu dan il-provvediment m'huwiex jaghmel xi eccezzjoni ghall-principji generali dwar l-interess guridiku, u f'kull kaz il-qorti hi tal-fehma li qieghed ighid l-istess haga. Fil-kawza **Neg. Albert Victor Bartoli proprio et nomine et vs Edwin Zammit Tabona et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Marzu 1961[4] gie osservat: *"Presuppost specifiku tal-azzjoni gudizzjarja huwa l-interess guridiku, il-fatt cjoe', kwantu ghall-attur, illi minghajr intervent tal-organi gurisdizzjonali, huwa jsofri dannu ingust. Dan l-interess irid ikun jezisti fil-mument li tkun spjegata l-azzjoni. L-attur irid juri illi ghall-ezercizzju tad-dritt tieghu huwa ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti; irid juri li mill-kawza huwa jirritrarji utilita' rikonoxxuta mil-ligi."*. M'hemmx dubju li l-interess irid jibqa' jezisti tul il-kawza kollha; fil-kawza **Terence Cossey vs Mario Blackman** (Volum XLIX.ii.925) il-qorti osservat: *"L-interess ta' l-attur fl-azzjoni jezisti meta l-attur juri li permezz ta' l-azzjoni jista' jipprokura xi rizultat vantaggjuz jew skop utili. Dan l-interess irid jezisti fil-mument tal-bidu tal-kawza **u jrid jibqa' jissusisti sa l-ahhar taghha.**"*. Fl-istadju li l-

[4] Vol. XLV.i.58.

applikazzjoni giet irtirata, l-atturi kienu rebhu l-battalja u l-kwistjoni li kien ghad fadal kienet limitata ghall-ispejjez gudizzjarji. Fil-fehma tal-qorti din il-kawza giet prolungata bla bzonn u minn meta rrizulta li l-applikant kien irtira l-applikazzjoni, inhela l-hin u l-energija ta' kulhadd.

iii. It-tieni talba ma setghet qatt giet trattata f'din il-kawza. Sabiex l-atturi setghu jirnexxu f'din it-talba kien hemm il-htiega li l-qorti tiddikjara li l-agir tal-Awtorita' kompetenti fl-ipprocessar tal-applikazzjoni kien jilledi l-Artikolu 6 abbinat mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali. Kwistjoni li tittratta allegat ksur ta' drittijiet fundamentali, materja li ma taqax fil-kompetenza ta' din il-qorti[5].

iv. L-ilmenti tal-atturi fir-rigward tal-ipprocessar tal-applikazzjoni jissemmew fir-rikors guramentat, u dawn huma:-

(a) **Nuqqasijiet li kien hemm fl-applikazzjoni bhal li l-applikant naqas milli jaghti n-numru tal-karta tal-identita, ma gietx prezentata pjanta tas-sular tal-bejt, ma gewx murija erba' elevations u li ma kienx jidher li giet verifikata c-checklist**:- Fil-fehma tal-qorti dawn huma konsiderazzjonijiet li kellha taghmel l-Awtorita' waqt l-ipprocessar tal-applikazzjoni. Hi din l-Awtorita' li ghandha d-dmir li tircievi u tikkunsidra applikazzjoni ghall-hrug ta' permess ta' zvilupp. F'dan il-kuntest l-atturi ma ghamlux riferenza ghal xi provvediment tal-Kap. 356 li jista' jwassal lill-qorti sabiex tikkonkludi li dawn in-nuqqasijiet iwasslu ghan-nullita tal-applikazzjoni numru 6912/04.

(b) **L-applikazzjoni giet prezentata fit-30 ta' Novembru 2004 u sal-14 ta' Settembru 2005 kien jidher li: *"This application has been found to be invalid, or application fees have not been paid."*:-** Kien fl-10 ta' Ottubru 2005 li saret korrezzjoni b'mod li fil-website tal-Awtorita kien qieghed jidher li l-applikazzjoni kienet giet *"validated"*. F'dan il-kuntest il-qorti tosserva li

[5] Ara Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319).

mill-file tal-applikazzjoni jirrizulta li l-problema nqalghet peress li meta saret l-applikazzjoni ma thalsux l-ispejjez kollha li kienu dovuti. F’dan ir-rigward intbghatet ittra datata 5 ta’ Jannar 2005 lill-applikant li biha gie nfurmat li kien ghadu dovut hlas ta’ Lm350, u li qabel isir il-hlas *“The application cannot be processed further until this amount has been settled and the white bank stamped Form is returned to our office at 1, Sir Luigi Camilleri Street, Victoria.”*. Fil-fatt dan il-hlas sar fl-10 ta’ Jannar 2005 u l-applikazzjoni setghet tkompli tigi processata. Hu nuqqas min-naha tal-Awtorita’ li ma haditx hsieb li minnufih taggorna l-website. Pero’ madankollu l-atturi ma gewx pregudikati tant li permezz ta’ ittra tal-perit Guido Vella datata 16 ta’ April 2005 oggezzjonaw ghall-applikazzjoni. Minn dakinhar bghatu sensiela ohra ta’ korrispondenza fejn ziedu r-ragunijiet ghalfejn l-applikazzjoni 6912/04 kellha tigi michuda. Fil-website stess tal-Awtorita’ hemm dikjarat car u tond li: *“The information below has been extracted from an on-line database and is meant only for your general guidance. The Malta Environment & Planning Authority disclaims any responsibility for any inaccuracies there may be on this site. If you wish to verify the correctness of any information then you are advised to contact us directly. Furthermore, in the event of any discrepancies between the information contained on this site and official printed communication then the latter is to prevail, in accordance with the Development Planning Act.”*. Kull kumment iehor ikun superfluwu.

(c) **Fil-premessi tar-rikors guramentat l-atturi ghamlu riferenza ghal diversi aspetti ta’ natura teknika li jikkoncernaw l-izvilupp li ried jaghmel l-applikant (ara fol. 3)**:- Fil-fehma tal-qorti dawn huma konsiderazzjonijiet li jridu jsiru mill-Awtorita’ meta tigi biex tikkunsidra l-applikazzjoni ghall-hrug ta’ permess ta’ zvilupp. Hi l-Awtorita’, jew kif delegata minnha l-Kummissjoni, u mhux din il-qorti li jridu jinterpetaw u japplikaw il-policies. Dan bla pregudizzju ghad-dritt ta’ appell quddiem il-Bord tal-Appelli u eventwalment quddiem il-Qorti tal-Appell. Ghalhekk m’hemmx dubju li din il-qorti ma tistax tikkunsidra l-ilmenti tal-atturi li per

ezempju jallegaw li l-progett propost jaqa' barra miz-zona ta' zvilupp.

(d) **Fl-avviz li kien deher f'gazzetta lokali[6] kien jinghad li l-izvilupp propost kien "Zebbug, Malta" minflok *"Zebbug, Ghawdex"*:-** Hu minnu li fl-avviz jinghad li l-izvilupp qieghed Zebbug (Malta)[7], pero' hu minnu wkoll li fl-istess avviz jinghad li l-izvilupp propost hu *"Construction of terraced house with pool. Mr Alex Cassar, Site at, Triq is-Sellum, Zebbug (Ghawdex)."*. Il-qorti m'ghandhiex dubju li kien biss minhabba zball li fl-avviz tnizzel "Zebbug (Malta)". Min ikun irid iqarraq ma kienx jinkludi fl-istess avviz li l-izvilupp qieghed fi **Triq is-Sellum, Zebbug (Ghawdex)**. Dan apparti li sa dakinhar li deher l-avviz l-atturi kienu diga' bghatu l-oggezzjoni taghhom bil-miktub ghall-applikazzjoni 6912/04.

(e) **Is-*site notice* li suppost twahhlet fil-post f'Jannar 2005 qatt ma dehret fil-post, jew jekk twahhlet tnehhiet minnufih**:- Mill-atti jirrizulta li twahhal avviz vicin l-art in kwistjoni fil-bidu ta' Jannar 2005. Ghalkemm l-atturi allegaw li qatt ma deher avviz fil-post, fl-access li sar fil-11 ta' Jannar 2008 mill-qorti[8], kienu l-atturi stess li pprezentaw zewg ritratti bid-data tas-17 ta' Jannar 2005[9] u li juru s-site notice. M'hemmx dubju li l-Awtorita' m'ghandix kontroll jekk avviz simili jibqax imwahhal fil-post. Ovvjament l-ghan ta' dan l-avviz hu sabiex il-pubbliku li jkollu nteress fl-applikazzjoni jkun jista' jressaq oggezzjoni ghall-applikazzjoni. Oggezzjoni li saret mill-atturi permezz ta' ittra datata 16 ta' April 2005, u ntbghatu ittri ohra mill-perit Guido Vella bid-data tal-14 ta' Settembru 2005, 24 ta' Ottubru 2005, 10 ta' Jannar 2006, kif ukoll ittri datati 24 ta' Ottubru 2005 u 8 ta' Novembru 2005 li ntbghatu mill-avukat Dr Alfred Grech ghan-nom tal-atturi.

(f) **L-applikazzjoni saret mill-perit Joseph Bondin li fi zminijiet differenti okkupa u ghadu jokkupa kariga**

---

[6] The Malta Independent tal-5 ta' Novembru 2005.
[7] Ara fol. 183.
[8] Ara verbal a fol. 354.
[9] Ara ritratt a fol. 367 u 367A.

**f'diversi organi tal-Awtorita**:- Jirrizulta li l-applikazzjoni numru: 6912/04 giet iffirmata mill-perit Bondin. Il-perit Bondin kien membru tal-Kummissjoni mill-2001 sal-2004 u membru tal-Heritage Advisory Committee (H.A.C) mis-sena 2000 sas-sena 2003[10]. L-applikazzjoni kellha tigi kkunsidrata minn Sezzjoni A tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' Zvilupp. Fiz-zmien rilevanti ghal dan il-kaz il-perit Joseph Bondin ma kienx membru ta' din il-Kummissjoni, izda kien membru tal-Kumitat Konsultattiv[11]. Fil-Kap. 356 ma kienx hemm provvediment li jipprojbixxi periti li ghandhom il-prattika privata milli jservu bhala membri tal-Kummissjoni. Wiehed jifhem minhabba n-natura tax-xoghol il-prezenza ta' periti bhala membri fis-sezzjonijiet differenti tal-Kummissjoni hu essenzjali. Min-naha l-ohra fil-fehma tal-qorti l-posizzjoni kif kienet qabel l-emendi ricenti, ma kenitx sitwazzjoni ottimali meta tqis in-natura tal-interessi nvoluti u meqjus li hawn diversi periti li jispekulaw fil-bini u jkollhom interess personali f'certu permessi ta' zviluppi. Bl-emendi ntrodotti ricentement is-sitwazzjoni inbidlet[12]. Il-Kummissjoni kienet komposta minn chairman mahtur mill-Prim'Ministru, tliet membri mahtura mill-Prim'Ministru, u tliet membri mahtura mill-Awtorita'. Il-fatt li kien hemm zmien li l-perit Joseph Bondin kien membru tal-Kummissjoni ma jfissirx li ma kienux ser jigu osservati l-principji tal-gustizzja naturali fis-smiegh li kellu jsir quddiem il-Kummissjoni. Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2008 xehdet Astrid Vella, rapprezentant tal-organizazzjoni flimkien ghall-Ambjent Ahjar, u tat statistika dwar applikazzjonijiet ta' zvilupp li fihom kien involut il-perit Joseph Bondin u li nhareg il-permess ta' zvilupp. Ghalkemm din l-informazzjoni hi nteressanti ghal min ihobb jispekula, fil-fehma tal-qorti ma jfissirx li l-Kummissjoni li kienet ser tikkunsidra l-applikazzjoni ma kenitx ser tagixxi b'mod onest u bla pregudizzji. Inoltre, ma rrizulta l-ebda konnessjoni diretta bejn il-perit Bondin u xi membru tal-Kummissjoni li kellu jikkunsidra l-applikazzjoni oggett ta' din il-kawza. M'hemmx dubju li d-

---

[10] Ara fol. 85.
[11] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita konvenuta. Il-Kumitat Konsultattiv jaghti pariri lill-Gvern u l-Awtorita dwar il-pjan ta' zvilupp jew policy relatata mal-ippjanar.
[12] Ara l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp.

decizjoni ma kenitx ser tittiehed mill-perit Bondin, ghalkemm il-qorti tifhem u tapprezza l-preokkupazzjoni li kellhom l-atturi meta tqis dak li Ronald Saliba, wiehed mill-atturi, sema' konversazzjoni dwar il-progett bejn Alexander Cassar u terza persuna jumejn qabel s-seduta li kellha ssir quddiem il-Kummissjoni. Madankollu, f'dan il-kuntest il-qorti ma tarax li l-Awtorita' agixxiet *ultra vires* bi ksur tal-principji ta' gustizzja naturali.

(g) **L-atturi kienu gew infurmati mill-Awtorita' kompetenti li ghalkemm kellhom id-dritt jattendu ghal-laqgha, l-avviz ma kienx jaghtihom id-dritt li jippartecipaw u jaghmlu sottomissjonijiet verbali**:- L-atturi jsostnu li din id-dikjarazzjoni tikser il-principju tal-*audi alteram partem*. Skond il-Kap. 356 (Development Planning Act), is-seduti tal-Kummissjoni jsiru bil-miftuh u l-pubbliku ghandu d-dritt li jattendi u jippartecipa fid-diskrezzjoni tal-istess Kummissjoni (Artikolu 13[5]). Ghalhekk hi l-ligi stess li tipprovdi li hi fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni li tippermetti lill-pubbliku prezenti li jaghmlu sottomissjonijiet verbali. Ghaldaqstant, il-qorti ma tara xejn irregolari fil-fatt li fl-avviz li ntbaghat lill-perit Guido Vella nghad *"You may wish to follow proceedings but this notification does not entitle you to participate or make verbal respresentations during the sitting."*, in kwantu l-avviz kien qieghed sempliciment jirrepeti dak li tipprovdi l-ligi u xejn iktar. F'dawn il-proceduri m'huwiex jigi mpunjat il-provvediment tal-ligi imma l-agir tal-Awtorita'. Fil-fatt il-ligi stess tipprovdi li l-oggezzjoni ta' terz ghandha ssir bil-miktub, u l-Awtorita' trid tiddeciedi dwarha. F'kull kaz l-avviz ma kienx ifisser li l-objectors ma kienux ser jinghataw l-opportunita' li jaghmlu sottomissjonjiet verbali waqt il-laqgha tad-9 ta' Mejju 2006, imma sempliciment li l-invit ma kienx jatihom xi dritt awtomatiku li jitkellmu waqt il-laqgha.

Jirrizulta li fl-applikazzjoni 6912/04 saret dikjarazzjoni mill-applikant li *"I certify that nobody except the applicant is the owner of any part of the land to which this application relates, as shown in red ink on the accompanying plans."*. Fir-realta' mill-provi rrizulta li Alexander Cassar m'huwiex is-sid tal-applikazzjoni. Tant hu hekk li:-

i. Fit-30 ta’ Novembru 2004 kien sar konvenju li bih Prestige Projects Limited rapprezentata minn Alexander Cassar u Mary Rose Agius, obbligaw ruhhom li jixtru porzjon art maghruf il-Giardina sive ta’ Triq is-Sellum, limiti Zebbug, Ghawdex b’kejl ta’ cirka 305 metri kwadri[13].
ii. Permezz ta’ skrittura datata 11 ta’ Ottubru 2007 il-konvenju gie rexxis[14].

Permezz ta’ ittra datata 29 ta’ Settembru 2005 mibghuta lill-perit Joseph Bondin, l-Awtorita’ infurmatu li *“**Prior to further processing** of the current application and without prejudice to the final recommendation, you are requested to submit legal proof of ownership of the site in question.”*. Mill-file ma jirrizultax li tali prova nghatat, u anzi l-uniku nformazzjoni li nghatat kien in-numru tal-karta tal-identita’ tal-applikant[15]. F’tali cirkostanzi l-qorti ma tifhimx kif l-applikazzjoni ta’ Cassar baqghet tigi processata, u ma gietx addottata l-procedura li tikkontempla l-ligi sabiex l-applikazzjoni tigi sospiza. Fl-istess ittra l-perit Bondin gie mitlub sabiex *“sections 1 and 21 of the application form are to be completed accordingly. Please submit a written reply within two weeks from the date of this letter.”*. Kulma ntbaghat kienet ittra tal-perit Bondin datata 10 ta’ Ottubru 2005 bin-numru tal-karta tal-identita’ tal-applikant. Tant hu minnu li l-applikazzjoni baqghet tigi processata li fis-27 ta’ Ottubru 2005 l-Awtorita’ harget avviz iehor li kellu jitwahhal fis-sit in kwistjoni u fejn jinghad li min kellu interess li jaghmel sottomissjoni dwar l-applikazzjoni, kellu jaghmel hekk bil-miktub sal-20 ta’ Novembru 2005. Fil-fehma tal-qorti f’dawn ic-cirkostanzi l-Awtorita’ kellha zzomm ferm ma dak li gie dikjarat fl-ittra tad-29 ta’ Settembru 2005. Fatt li fil-fehma tal-qorti ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-iskop ta’ din is-sentenza, ghaliex ghen sabiex l-affarijiet ikomplu jikkumplikaw ruhhom bla

[13] Ara fol. 137.
[14] Ara fol. 88 tal-atti tal-kawza **Dr Alfred Grech nomine vs Alex Cassar et** (Rikors numru: 54/2006). Dan il-fatt kien gie rilevat mill-atturi permezz ta’ ittra datata 10 ta’ Jannar 2006 mibghuta ghan-nom taghhom mill-perit Guido Vella (ara file tal-Awtorita konvenuta a fol. 925).
[15] Ara ittra mibghuta mill-perit Joseph Bondin datata 10 ta’ Ottubru 2005.

bzonn u ghen biex jizdiedu s-suspetti ta' min kellu l-interess li joggezzjona ghat-talba ta' Cassar.

**Ghal dawn il-motivi u maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti qeghda:-**

**1. Tastjeni milli tippronunzja ruhha fuq it-talbiet tal-atturi gialadabra fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2010 iddikjaraw li qeghdin jirrinunzjaw ghalihom u jzommu ferm il-kap tal-ispejjez.**

**2. Tiddeciedi l-kap tal-ispejjez billi tordna li kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------